



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14128/20
PV CONS 29
AGRI 480
PECHE 453

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(**Agrikoltura u Sajd**)
15 u 16 ta' Diċembru 2020

WERREJ

Pàġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	4
2.	Approvazzjoni ta' punti "A"	4
	Lista mhux leġiżlattiva	

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

SAJD

3.	Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-Atlantiku u fil-Baħar tat-Tramuntana	4
4.	Regolament tal-Kunsill li jiffissa għall-2021 u l-2022, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond	4
5.	Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed	4

AGRIKOLTURA

6.	Konklużjonijiet dwar tikketta dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-UE kollha	5
7.	Konklużjonijiet dwar it-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, il-profilu nutrizzjonali u t-tikkettar tal-oriġini	5

Affarijiet oħra

Sajd / Agrikoltura

8.	<u>Sajd</u> Il-kriżi tal-COVID-19 fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura fl-2021	5
----	---	---

Agrikoltura

	b)UE- Konferenza dwar id-diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura (organizzata mill-Ministeru Federali Ġermaniż għall-Ikel u l-Agrikoltura flimkien ma' EURAGRI) (Potsdam, (il-Ġermanja), 2-3 ta' Diċembru 2020)	5
c)	It-48 konferenza tad-Diretturi tal-Aġenziji ta' Pagament tal-UE (virtwalment, 8-9 ta' Ottubru 2020)	6

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

SAJD

3. (tkomplija) Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fil-Atlantiku u fil-Baħar tat-Tramuntana 6
 4. (tkomplija) Regolament tal-Kunsill li jiffissa għall-2021 u l-2022, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond 6
 5. (tkomplija) Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed 6
- ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 7

LAQGĦA TAT-TLIETA 15 TA' DIĊEMBRU 2020

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 13773/20.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

Lista mhux leġislattiva

13785/20

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 13785/20 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

Attivitajiet mhux leġislattivi

SAJD

3. **Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-Atlantiku u fil-Baħar tat-Tramuntana**
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43 (3) TFUE)
Qbil politiku

☒ 13850/20
12189/20
+ ADD 1-2

4. **Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2021 u għall-2022**
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43 (3) TFUE)
Qbil politiku

☒ 13853/20
12126/20 + ADD 1

5. **Regolament tal-Kunsill li jiffissa, għall-2021, l-opportunitajiet tas-sajd fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed**
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43 (3) TFUE)
Qbil politiku

☒ 13292/20
10154/20 + ADD 1

Il-Kunsill laħaq qbil politiku unanimu dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni; dwar ir-Regolament li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet tal-baħar fond għall-2021 u għall-2022; u dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2021.

AGRIKOLTURA

6. **Konklużjonijiet dwar tikketta dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-UE kollha** 13691/20

Approvazzjoni

Abbażi ta' abbozz ta' test imħejji mill-Presidenza, il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar tikketta dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-UE kollha kif jinsabu fid-dokument 13691/20 u ħa nota tad-dikjarazzjoni tal-Italja (ara l-Anness).

7. **Konklużjonijiet dwar it-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, il-profilu nutrizzjonali u t-tikkettar tal-orijini** 13694/20

Approvazzjoni

Il-Kunsill ma setax jilħaq kunsens dwar l-abbozz ta' Konklużjonijiet dwar it-tikkettar tan-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, il-profilu nutrizzjonali u t-tikkettar tal-orijini. It-test imħejji mill-Presidenza kif jinsab fid-dokument 13694/20 ser jieħu l-forma ta' konklużjonijiet tal-Presidenza appoġġati minn 23 delegazzjoni. Il-Kunsill ħa nota tad-dikjarazzjoni konġunta tar-Repubblika Ċeka, il-Greċja u l-Italja (ara l-Anness).

Affarijiet oħra

8. Sajd

- a) Il-kriżi tal-COVID-19 fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura fl-2021 13854/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata, f'isem id-delegazzjoni Bulgara, Kroata, Ċiprijotta, Ċeka, Estonjana, Franċiża, Latvjana, Maltija u Pollakka

Agrikoltura

- b) **UE- Konferenza dwar id-diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura (organizzata mill-Ministeru Federali Ġermaniż għall-Ikel u l-Agrikoltura flimkien ma' EURAGRI) (Potsdam (il-Ġermanja), 2-3 ta' Diċembru 2020)** 13682/20
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza abbażi tad-dokument 13682/20 dwar il-konferenza dwar id-diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura, organizzata mill-Ministeru Federali Ġermaniż għall-Ikel u l-Agrikoltura flimkien mal-Inizjattiva Ewropea dwar ir-Riċerka Agrikola (EURAGRI) fit-2-3 ta' Diċembru 2020. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tal-Kummissjoni fuq dan is-suġġett.

- c) **It-48 konferenza tad-Diretturi tal-Aġenziji tal-Pagamenti tal-UE (virtwalment, 8-9 ta' Ottubru 2020)**
Informazzjoni mill-Presidenza

 13794/20

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza abbażi tad-dokument 13794/20 dwar it-48 Konferenza tad-Diretturi tal-Aġenziji tal-Pagamenti tal-UE, li saret virtwalment fit-8-9 ta' Ottubru 2020. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tal-Kummissjoni fuq dan is-suġġett.

LAQGĦA TAL-ERBGĦA 16 TA' DIĊEMBRU 2020

SAJD

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. **(tkompliġja) Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-Atlantiku u fil-Baħar tat-Tramuntana**
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43 (3) TFUE)
Qbil politiku
4. **(tkompliġja) Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2021 u għall-2022**
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43 (3) TFUE)
Qbil politiku
5. **(tkompliġja) Regolament tal-Kunsill li jiffissa, għall-2021, l-opportunitajiet tas-sajd fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed**
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43 (3) TFUE)
Qbil politiku

 13850/20
12189/20
+ ADD 1-2

 13853/20
12126/20 + ADD 1

 13292/20
10154/20 + ADD 1

Ara paġna 4.

-
-  L-ewwel qari
-  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "B" li jinsabu fid-dokument 13773/20

Dwar il-punt "B"
nru. 6:

Konklużjonijiet dwar tikketta dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-UE kollha
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"L-Italja tixtieq tiringrazzja lill-Presidenza Ġermaniża għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tikketta dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-UE kollha.

L-Italja tirrikonoxxi l-livell għoli ta' benesseri diġà pprovdut lill-annimali tar-razzett mil-leġislazzjoni fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea u tqis it-tikketta fl-UE kollha bħala opportunità biex tkompli ttejbu u, fl-istess ħin, tiżgura informazzjoni aktar ċara lill-konsumaturi u tippromwovi kumpens aktar ġust għall-produtturi.

Filwaqt li jitqies li t-tikkettar AW irid bilfors ikun ibbażat fuq rekwiżiti li jaqbuż dawk obligatorji stabbiliti mil-leġislazzjoni tal-UE, is-sħubija mal-iskema ta' tikkettar trid inevitabbilment tibqa' għażla volontarja għall-operaturi tan-negozji tal-ikel.

Is-sistema ta' tikkettar AW għandha tipprevedi l-inklużjoni gradwali tal-ispeċijiet kollha tar-razzett u idealment għandha tiġi riferuta għat-tul tal-ħajja kollha tal-annimali. Madankollu, taħt ċirkostanzi speċifiċi, jista' jkun aktar xieraq u proporzjonat li jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet li fihom ikunu nżammu l-annimali għal parti sinifikanti tal-ħajja tagħhom.

L-Italja temmen li l-benesseri tal-annimali huwa interkonness b'mod profond ma' dimensjonijiet oħra tat-trobbija tal-annimali li huma influwenzati b'mod reċiproku, bħall-istatus tas-saħħa tal-annimali, il-konsum ta' mediċini veterinarji u l-bijosigurtà tal-irziezet. Bħala konsegwenza ta' din ir-relazzjoni, il-valutazzjoni komprensiva u simultanja ta' dawn id-dimensjonijiet kollha hija meqjusa bħala l-aktar bażi adegwata biex tinbena sistema solida biex titkejjel u tittejjeb is-sostenibbiltà tal-produzzjonijiet tal-bhejjem."

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA, IL-GREĊJA U L-ITALJA

"Ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja u l-Italja jemmnu li l-Konklużjonijiet tal-Presidenza dwar it-tikkettar tan-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, il-profilu nutrizzjonali u t-tikkettar tal-orijini ma jagħmlux referenza għal xi wħud mill-prinċipji li l-pajjiżi msemija hawn fuq iqisu essenzjali għall-iżvilupp ta' skema FOPNL armonizzata fl-UE u li kienu minquxa fid-dokument informali ippreżentat flimkien ma' Stati Membri oħra fl-aħħar Kunsill Agrifish tal-21 ta' Settembru.

Ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja u l-Italja jemmnu li l-Kummissjoni għandha tindirizza l-ħtieġa li ċ-ċittadini tal-UE jiġu mħeġġa jadottaw stil ta' ħajja aħjar għas-saħħa permezz ta' approċċ multidimensjonali, inkluż it-tnedija urġenti ta' kampanji edukattivi effettivi.

F'dan il-qafas, skema FOPNL armonizzata tal-UE trid tkun strument volontarju biex tipprovdi informazzjoni fattwali dwar il-kaloriji u n-nutrijenti individwali li jinsabu fi prodott tal-ikel, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011. FOPNL huwa għodda li jiffavorixxi dieti bbilanċjati, jiġifieri jgħin lill-konsumaturi jagħżlu prodotti tal-ikel skont il-kundizzjonijiet partikolari u l-istat tas-saħħa tagħhom, f'konformità mal-wegħda "*biex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jagħmlu għażliet infurmati, tajbin għas-saħħa u sostenibbli*" iddikjarat fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent". F'dan is-sens, skema FOPNL la għandha tkun għodda ta' kummerċjalizzazzjoni u lanqas tipperikola produzzjonijiet tradizzjonali u ta' kwalità għolja. F'dan is-sens, id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti, l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti u l-Ispeċjalitajiet Tradizzjonali garantiti, kif ukoll il-prodotti b'ingredjenti uniku, ser ikollhom jiġu eżentati.

Skema FOPNL armonizzata tal-UE għandha tkun tinftehem u kompletament trasparenti. L-użu tal-kuluri għalhekk mhuwiex rakkomandabbli, peress li dan iwassal messaġġ sempliciistiku mingħajr ma jitfa' dawl fuq il-kalkolu sottostanti użat biex dawn jiġu attribwiti.

Skema FOPNL armonizzata mill-UE għandha tqis il-konsum attwali ta' kuljum ta' ikel u xorb, aktar milli limitu ġeneriku ta' 100g/100ml, sabiex tevita li tibgħat messaġġi qarrieqa, tissottovaluta l-kontribut tal-ikel ikkunsmat f'porzjonijiet akbar u tippenalizza dawk li normalment jittieklu fi kwantitajiet żgħar.

Il-koeżistenza bejn l-iskemi eżistenti u skema futura armonizzata tal-UE FOPNL turriskja li toħloq konfużjoni u toħloq piż mhux sostenibbli fuq l-industrija, għad-detriment tas-suq intern.

Id-deċiżjoni dwar l-iżvilupp ta' skema bħal din ser ikollha, fis-snin li ġejjin, implikazzjonijiet kbar fuq is-saħħa pubblika, is-suq intern u l-valuri kulturali. Għalhekk m'għandhiex tkun influwenzata minn soluzzjonijiet mmexxija mis-suq li huma diġà stabbiliti."
